**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Illum:** 26 ta' Mejju, 2020

**Il-Pulizija**
**(Spettur Fabian Fleri)**
**(Spettur Lydon Zammit)**
**(Spettur Paul Camilleri)**

**-vs-**

**Paul Scicluna, detentur tal-Karta ta' l-Identita` bin-numru 448079M;**

**Roderick Scicluna, detentur tal-Karta ta' l-Identita` bin-numru 448179M**

*Kumpilazzjoni Nru.29/2020*

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat **Paul Scicluna u Roderick Scicluna** u cioe` talli:

1. Nhar it-28 ta' Dicembru 2019, ghall-habta tas-18:15hrs minn gewwa garaxx li jinsab biswit Triq il-Fossa tal-Qamh, Zejtun ikkommettew serq ta' flus kontanti, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza diretta fuq il-persuna

anzjana ta' Giuseppe Seichel ta' 87 sena, bil-mezz, bil-lok u bil-hin, ghad-dannu tal-imsemmija persuna;

2. Nhar it-8 ta' Jannar 2020, ghall-habta ta' il-17:00hrs minn gewwa l-Banka tal-Lottu bin-numru 146 li tinsab fi Triq San Girgor, Zejtun ikkommettew serq ta' flus kontanti, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza diretta fuq Maria Carmela Hili anzjana ta' 64 sena, bil-mezz, bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disa' w ghoxrin Euro u sebgha' u tletin centezmu (€2329.37), u bil-hin, u li sar ghad-dannu tas-sidien tal-imsemmija banka u/jew ta' xi persuna/i ohra;

3. Nhar it-18 ta' Jannar 2020, ghall-habta ta' 11:00hrs minn gewwa l-Banka tal-Lottu bin-numru 146 li tinsab fi Triq San Girgor, Zejtun bil-hsieb li jaghmlu delitt ta' serq ikkwalifikat, bil-vjolenza diretta fuq Maria Vassallo anzjana ta' 65 sena, bil-mezz, u bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disa' w ghoxrin Euro u sebgha' w tletin centezmu (€2329.37) ghad-dannu tas-sidien ta' l-imsemmija lukanda u/jew ta' xi persuna/i w/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet ohra, wrew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghall-ezekuzzjoni ta' dan id-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga indipendenti u accidentali mil-volonta taghhom;

4. Nhar l-10 ta' Jannar, 2020, ghall-habta ta' 10:30hrs gewwa Triq il-Belt Valletta, Paola ikkommettew serq ta' basket minn fuq il-persuna ta' Rita Cianco anzjana ta' 82 sena;

5. Nhar l-10 ta' Jannar, 2020, ghall-habta ta' 09:45hrs gewwa Triq Birzebbugia, Tarxien ikkommettew serq ta' basket minn fuq il-persuna ta' Alfrida Gafa anzjana ta' 77 sena;

6. Talli fl-10 ta' Jannar 2020 għal ħabta ta' 10:45hrs mill-ATM tal-fergħa tal-Bank Of Valletta ġewwa Triq il-Bon Kunsill, Zejtun bil-ħsieb li jagħmel reat ta' serq aggravat bil-valur li ma jeccedix l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), prova jiġbed mill-istess ATM l-ammonti ta' 250 Ewro, 100 Ewro u 50 Ewro fi flus kontanti ghad-dannu ta' Rita Cianco;.

7. Talli fil-15 ta' Jannar 2020 għal ħabta ta' 00:45hrs mill-ATM tal-fergħa tal-Bank Of Valletta ġewwa Triq San Anard, Zejtun bil-ħsieb li jagħmlu reat ta' serq aggravat bil-valur li ma jeccedix l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37)u bil-hin, provaw jiġbdu mill-istess ATM l-ammonti ta' 250 Ewro u 250 Ewro fi flus kontanti ghad-dannu ta' Rita Cianco;

8. Talli f'dawn l-ahhar gimghat gewwa dawn il-Gzejjer, saqu vettura tal-ghamla Volkswagen Golf bin-numri tar-registrazzjoni FCC874 fit-triq

kemm il-darba ghall-uzu ta' din il-vettura minnhom, ma kinitx fis-sehh polza ta' assikurazjoni dwar ir-riskji ta' terzi.

**Lil Paul Scicluna wahdu nakkuzawh ukoll talli:**

1. Nhar it-28 ta' Dicembru 2019, ghall-habta ta' is-18:15hrs gewwa garaxx li jinsab biswit Triq il-Fossa tal-Qamh, Zejtun bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Giuseppe Seichel anzjan ta' 87 sena kontra l-volonta' tieghu u dan bil-hsieb ta' estorsjoni ta' flus jew hwejjeg ohra u/jew biex ikun mgieghel jaccetta li jaghmel xi trasferiment ta hwejjgu;

2. Nhar it-8 ta' Jannar 2020, ghall-habta ta' il-17:00hrs gewwa l-Banka tal-Lottu bin-numru 146 li tinsab fi Triq San Girgor, Zejtun bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Maria Carmela Hili anzjana ta' 64 sena kontra l-volonta' taghha u dan bil-hsieb ta' estorsjoni ta' flus jew hwejjeg ohra u/jew biex ikun mgieghla taccetta li taghmel xi trasferiment ta hwejjigha;

3. Nhar it-18 ta' Jannar 2020, ghall-habta ta' 11:00hrs gewwa l-Banka tal-Lottu bin-numru 146 li tinsab fi Triq San Girgor, Zejtun bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Maria Vassallo anzjana ta' 65 sena kontra l-volonta' taghha u dan bil-hsieb ta' estorsjoni ta' flus jew hwejjeg ohra u/jew biex ikun mgieghla taccetta li taghmel xi trasferiment ta hwejjigha;

4. U aktar talli f'dawn l-ahhar granet gewwa dawn il-Gzejjer garr 'il-barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun minghajr ma kellu licenzja jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija;

5. U aktar talli fl-istess dati hinijiet, lok u cirkostanzi irrenda ruhu rediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta permezz ta' sentenzi moghtija fil-konfront tieghu, mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jinbidlu.

Il-Qorti giet wkoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputati, ihallasu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384, 385 u 412C tal Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta ghas-sigurta ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati

Rat li waqt l-udjenza mizmuma nhar it-8 ta' Mejju, 2020, l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe` wara li l-imputati wiegbu li huma hatja ghall-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom, din il-Qorti wissiethom b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u huma nghataw zmien xieraq sabiex jekk riedu, jergaw lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghhom u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata taghhom, il-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputati hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom kif minnhom ammessi.

Fir-rigward tar-raba u hames imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputati, ma jirrizultax li l-ammont fiz-zewg istanzi kien wiehed li jeccedi il-€250 u ghaldaqstant isib applikazzjoni l-artikolu 257D(1)(c) tal-Kodici Kriminali.[1]

In kwantu ghall-imputazzjonijiet numri 2 u 3 migjuba fil-konfront taz-zewg imputati, minkejja li dawn rregistraw l-ammissjoni taghhom ghal dawn iz-zewg imputazzjonijiet, meta titiqes ix-xhieda tal-Ispettur Lydon Zammit[2], il-kwalifika tal-mezz ma tirrizultax.

Issir riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Andre Falzon:**[3]

---

[1] **Dok.LZ3** a fol.39 et seq u **Dok.LZ4** a fol.44.
[2] Fol.22-23 u fol.25. Ma jirrizultax li l-wicc kien mghammad.
[3] Deciza 19 ta' Novembru 2015; Qorti tal-Appell Kriminali per Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima; Appell numru 385/2015

Minn dawn il-fatti jemergi allura illi l-ammissjoni ta'l-appellanti hija konfliggenti mal-provi l-ohra li hemm fl-atti, senjalatament l-istqarrija tieghu stess ghaliex minn din ta'l-ahhar jirrizulta illi huwa ikkometta r-reati addebitati lilu mhux f'Awwissu, izda f'Settembru 2013 u kwindi huwa ammetta ghall-fatti li ma kenux gew kommessi minnu ghal ta'l-anqas mhux fid-data indikata fl-akkuza, izda xahar wara. Illi d-dottrina fir-rigward tal-valur probatorju ta'l-ammissjoni maghmula mill-persuna akkuzata tghallimna illi:

"*Dwar l-effett ta' ammissjoni fuq l-appell tal-persuna misjuba hatja din il-Qorti (jew ahjar, il-Qorti Kriminali li allura kienet tisma' l-appelli mid-decizjonijiet tal-Qorti tal-Magistrati tal-Pulizija Gudizzjarja) diga` kellha l-opportunita` li tippronunzja ruhha fis-sentenza tagha tas-27 ta' Ottubru, 1962 fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs George Cassar Desain (Kollez. Deciz. XLVI.IV.911). F'dik is-sentenza gie ritenut, mill-kompjant Imhallef William Harding, fuq l-iskorta ta' gurisprudenza kemm Ingliza kif ukoll lokali, li fuq ammissjoni ta' l-imputat Qorti ma tistax hlief tghaddi ghall-kundanna tieghu ammenokke` ma jirrizultax li l-imputat ma jkunx fehem in-natura ta' l-imputazzjoni jew li ma kinitx l-intenzjoni tieghu li jammetti li hu hati ta' dik l-imputazzjoni* ***jew li fuq il-fatti minnu ammessi l-Qorti ma setghetx skond il-ligi, tikkundannah, cjoe` ssibu hati ta' reat.***[4] "(sottolinjar tal-Qorti)

Illi fil-kaz in dizamina ma jistax jinghad illi l-appellanti qieghed jallega illi huwa ma fehemx in-natura ta'l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, jew inkella li ma kenitx l-inetnzjoni tieghu li jammetti, izda jirrizulta mill-atti illi abbazi tal-fatti tal-kaz kif esposti, l-Ewwel Qorti ma setatx issib htija ghal tali akkuzi billi ma kenux jissussistu fid-data indikata fl-akkuza. Issa l-kodici penali taghna jimponi l-obbligu fuq il-Qorti Kriminali taht l-artikolu 436(3)(c) li ghandha taghmel dak kollu li m'huwiex projbit jew mhux ordnat mill-ligi taht piena ta' nullita, kull meta l-Qorti fid-diskrezzjoni taghha jidhirliha li hu hekk mehtieg ghat-tikxif tal-verita.' Illi l-appellanti allura ghandu ragun u din il-Qorti ma tistax taghlaq ghajnejha ghal dan in-nuqqas procedurali daqslikieku ma kienx jezisti u dan ghaliex is-sentenza impunjata tirrifletti fatti li mhumiex sostanzjati bil-provi li hemm fl-atti, ghalkemm l-appellanti ammetta ghalihom. Kwindi din il-Qorti ma ghandhiex trqi ohra hlief li tghaddi sabiex tannulla id-decizjoni appellata u dan billi tirrizulta decizjoni hazina fuq il-mertu u dan kif previst fl-artikolu 428(5) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi fis-sentenza moghtija mill-istess Qorti fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Godfrey Formosa** nghad:[5]

Minn dawn il-fatti jemergi allura illi l-ammissjoni ta'l-appellanti ma tirriflettiex l-fatti li jemergu mill-provi li hemm fl-atti, ....

Allura dan iwassal ghal konkluzjoni illi minn ezami tal-atti u abbazi tal-fatti tal-kaz kif esposti, l-Ewwel Qorti ma setatx issib htija ghall-ewwel imputazzjoni billi r-reat qatt ma seta' jirrizulta. Issa l-kodici penali taghna jimponi l-obbligu fuq il-Qorti Kriminali taht l-artikolu 436(3)(c) li ghandha taghmel dak kollu li m'huwiex projbit jew mhux ordnat mill-ligi taht piena ta' nullita, kull meta l-Qorti fid-diskrezzjoni taghha jidhirliha li hu hekk mehtieg ghat-tikxif tal-verita.' Mhux biss izda l-artikolu 392(A)(3) jimponi fuq il-Qorti illi:

---

[4] **Il-Pulizija vs Martin Camilleri** 20/01/1995 (Vol.LXXIX.v.1538)
[5] Deciza 26 t'Ottubru, 2017 per Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima; Appell numru.99/2017.

> "..... *meta jkun hemm raġuni tajba biex wieħed jiddubita jekk ir-reat kienx ġie tassew magħmul, jew jekk l-akkużat hux ħati tar-reat, il-qorti għandha, għalkemm l-akkużat ikun stqarr li hu ħati, tordna li l-proċeduri jkomplu jitmexxew 'l quddiem, bħallikieku l-akkużat ma weġibx li hu hati*."
>
> Illi l-appellanti allura ghandu ragun u din il-Qorti ma tistax taghlaq ghajnejha ghal dan in-nuqqas daqslikieku ma kienx jezisti u dan ghaliex is-sentenza impunjata tirrifletti fatti li mhumiex sostanzjati bil-provi li hemm fl-atti, ghalkemm l-appellanti ammetta ghalihom…..

Illi ghalkemm l-artikolu 436(3) tal-Kodici Kriminali mhux wiehed mill-artikoli rezi applikabbli specifikatament ghall-Qrati tal-Magistrati bl-artikolu 525 tal-Kodici, mhemmx dubbju li din il-Qorti tkun qed tonoqs serjament mid-doveri taghha jekk issib persuna hatja ta' fatti li ma jirrizultawx mill-provi prodotti anzi fejn l-istess provi joffru fatti konfliggenti.

Illi fid-dawl tar-rizultanzi processwali u fuq dan l-insenjament, l-imputati ma jistghux jinstabu hatja fuq il-kwalifika tal-mezz fit-tieni u fit-tielet imputazzjonijiet migjuba kontrihom.

Illi dwar piena l-Qorti kkunsidrat in-natura serja tar-reati li dwarhom qed tinstab htija. Dawn huma reati koddardi mwettqa fuq min hu l-aktar vulnerabbli; fuq anzjani li ftit li xejn ikollhom kapacita` joffru rezistenza, u dan sabiex jiffinanzjaw il-vizzju qerriedi tad-droga.

Il-Qorti qiset l-ammissjoni ferm bikrija taghhom kif ukoll il-kollaborazzjoni taghhom fil-kors tal-investigazzjonijiet kondotti mill-Pulizija.

Ittiehed konsiderazzjoni wkoll tal-fedina penali mtappna tal-imputati u senjatament dik tal-imputat Paul Scicluna minn fejn jirrizulta li fl-2018, f'zewg okkazzjonijiet separati, gie kkundannat wkoll ghal-reati ta' serq fejn anke nghata sentenzi ta' prigunerija.

Gie kkunsidrat ukoll li l-addebitu tar-recidiva tapplika biss fil-konfront ta' Paul Scicluna fejn l-istess imputat jirrizulta recidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali.

Il-Qorti qiset dak sottomess mill-abbli difensur tal-imputati u cioe` li Roderick Scicluna gie mhajjar iwettaq dawn ir-reati minn huh Paul li kien il-mohh wara dan l-agir hekk deplorevoli. Madanakollu jibqa' l-fatt li Roderick mhux xi tifel jew xi bahbuh izda ragel adult ta' xejn anqas minn

40 sena u ghalhekk kapaci li jahseb b'mohhu u jagixxi ghal rasu minghajr htiega ta' suggerimenti jew imbottaturi.

Il-Qorti tat piz lill-fatt li l-eta` tal-vittmi taghhom kienu persuni ta' 87, 82, 77, 65 u 64 sena.

In kwantu ghall-imputat Paul Scicluna gie kkunsidrat ukoll li fir-rigward tal-ewwel tlett imputazzjonijiet migjuba unikament fil-konfront tieghu (numru 1-3 u cioe` dawk dwar sekwestru tal-persuna),[6] u l-ewwel tlett imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu flimkien ma Roderick Scicluna (numru 1-3 u cioe` dwar serq bi vjolenza[7]), japplika l-principju tal-konkors formali ta' reati.

Ghalhekk il-piena l-aktar gravi hi dik ravvizata bl-ewwel tlett imputazzjonijiet dwar serq bi vjolenza addebitati liz-zewg imputati.[8] Meta jitqies li hawn si tratta ta' sekwestru ta' persuna li ghalqet l-eta ta' sittin sena f'kull wahda minn dawn it-tlett imputazzjonijiet, fejn b'hekk japplikaw l-artikoli 275, 276A u 280(3) tal-Kodici Kriminali, il-piena hi dik ta' priġunerija għal żmien ta' tmintax (18) il-xahar sa sitt (6) snin jekk il-pieni msemmija fl-artikoli 275 u 276A jigu mizjuda bi grad jew dik ta' sentejn (2) sa disa' (9) snin jekk l-piena msemmija tigi mizjuda b'zewg gradi. Tenut kont tal-ammissjoni bikrija taz-zewg imputati, iz-zieda qed issir b grad wiehed.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti -

Fil-konfront ta' **Roderick Scicluna,** wara li rat l-artikoli 17, 31, 41(1)(a), 257D(1)(c), 261(a)(b)(c)(e)(f), 262(1)(a)(b)(2), 263(b), 267, 269(g), 270, 275, 276A, 277(a)(b), 279(a), 280(2)(3), 284 u 285 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta u tal-artikolu 3(1) tal-Ordinanza dwar l-Assikurazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur ghar-Riskji ta' Terzi Persuni, Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu (izda fl-akkuzi numru 2 u 3 mhux bil-kwalifika tal-mezz) u tikkundannah **tmienja u tlettin** (**38) xahar prigunerija**; u

Fil-konfront ta' **Paul Scicluna** wara li rat l-artikoli 17, 31, 41(1)(a), 49, 50, 86, 87(1)(c)(e), 257D(1)(c), 261(a)(b)(c)(e)(f), 262(1)(a)(b)(2), 263(b), 267,

[6] Fol.2-3
[7] Fol.1-2
[8] Fol.1-2

269(g), 270, 275, 276A, 277(a)(b), 279(a), 280(2)(3), 284 u 285 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta u tal-artikolu 3(1) tal-Ordinanza dwar l-Assikurazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur ghar-Riskji ta' Terzi Persuni, Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-artikoli 6 u 51(7) tal-Att dwar l-Armi, Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu (izda fl-akkuzi numru 2 u 3 mhux bil-kwalifika tal-mezz) u tikkundannah **erba' u hamsin (54) xahar prigunerija u multa ta' €116.47c.**

Tordna li l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni FCC874 tigi rilaxxata favur il-propjetarju taghha li ma kellu l-ebda involviment fl-ghemil tal-imputati.

Finalment a tenur tal-artikolu 382A tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tohrog Ordni tat-Trazzin fil-konfront tal-imputat ghaf-favur ta' Giuseppe Seichel, Maria Carmela Hili, Maria Vassallo, Rita Ciancio u Alfrida Gafa ghal zmien tlett snin millum.

Il-Qorti tordna li l-atti, flimkien ma kopja ta' din is-sentenza jigu mibghuta lill-Avukat Generali fi zmien sitt ijiem ta' xoghol.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**